ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
24 NOV 2017
FLORIANA

23 ta' Novembru 2017

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/4282/17* |
| *Lokazzjoni:* | *55, Massabielle Mansions, Flat 14, Triq Gorg Borg Olivier, Triq il-Kbira, San Giljan* |
| *Proposta:* | *Proposed extension of existing penthouse and construction of additional receded floor* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Ramon Zahra**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellanti Ramon Zahra jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2017, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 4282/17.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Awtorita u ppublikata fis- 25 ta' Ottubru 2017, l-istess Awtorita cahdet l-applikazzjoni in kwistjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellant ihoss ruhu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qieghed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi kull applikazzjoni trid tigi deciza mhux biss a bazi ta' ta' dak li jinghad verbatim fil-policy jew pjan jew linji gwida, izda ukoll a bazi ta' kunsiderazzjonijiet ohra materjali u committments [1]. Oltre dan ma tistax issir biss referenza ghall-policy wahda u jigu injorati policies u linji gwida ohra u aspetti materjali ohra.

1.2 Illi tenut kont tac-cirkostanzi, l-izvilupp propost mill-applikant kien jimmerita li jigi approvat u d-decizjoni hija manifestament irragonevoli stante li l-applikant ressaq numru ta' proposti u kunsiderazzjonijiet li tenut kont tac-cirkostanzi, kellhom jimmitigaw favur l-applikazzjoni.

1.3 Illi fil-kors ta' l-applikazzjoni, l-applikant diga kien irrefera ghall-permess approvat mill-istess Awtorita bin-numru PA 518/15 u PA 4716/16 kif ukoll PA 2048/16.

Ghaldaqstant, l-appellanti qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut mehuda mill-Awtorita fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellanti u jhassar id-decizjoni tal-Awtorita skont dak sottomess mill-appellanti u jordna li jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

[1] Vide art. 72(2) tal- Kap. 552.

Elenku tax-xiedha:

1. Id-Direttur ta' l-Ippjanar sabiex jixhed fuq il-posizzjoni tad-Direttorat.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**